



2024/398

30.1.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/398

tad-29 ta' Jannar 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-alossifop f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Għas-sustanza attiva alossifop, il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Skont l-Artikolu 6(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ġiet sottomessa applikazzjoni għat-tolleranza għall-importazzjoni għall-alossifop li jintuża fl-Awstralja fuq iż-żerriegħa tal-kittien u fuq iż-żerriegħa tal-kolza. L-applikant isostni li l-użi awtorizzati ta' dik is-sustanza fuq din l-għalla fl-Awstralja jwasslu għal residwi ogħla mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005, għaż-żerriegħa tal-kittien, u li huwa meħtieġ MRL ogħla biex jiġu evitati l-ostakli kummerċjali għall-importazzjoni taż-żerriegħa tal-kittien u taż-żerriegħa tal-kolza.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat u f'konformità mal-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament, ir-rapport ta' evalwazzjoni ntbagħat lill-Kummissjoni.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ("l-Awtorità") ivvalutat l-applikazzjoni u r-rapport ta' evalwazzjoni, u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjoni motivata dwar l-MRL ⁽²⁾ propost. Hija bagħtet dik l-opinjoni lill-applikant, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u għamlitha disponibbli għall-pubbliku.
- (5) L-Awtorità kkonkludiet li ġew issodisfati r-rekwiżiti kollha fir-rigward tad-*data* u li l-modifika għall-MRL mitluba mill-applikant kienet aċċettabbli fir-rigward tas-sikurezza tal-konsumatur abbażi ta' valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għal 27 grupp Ewropew speċifiku tal-konsumatur. Hija qieset id-*data* dwar il-konsum u l-informazzjoni dwar il-proprietajiet tossikoloġiċi tas-sustanza valida f'dak iż-żmien. L-Awtorità kkonkludiet li la l-esponiment tul il-ħajja għas-sustanza mill-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom dik is-sustanza, u lanqas l-esponiment għal perġodu qasir minħabba l-konsum għoli ta' daww il-prodotti ma wrew li hemm xi riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.
- (6) Preċedentement, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/171 ⁽³⁾ ġie implimentat MRL għall-fażola tas-sojja bbażat fuq applikazzjoni għal tolleranza għall-importazzjoni peress li l-Awtorità kkonkludiet li l-MRL propost kien sikur għall-konsumaturi ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ European Food Safety Authority reasoned opinion on the setting of import tolerances for haloxyfop-P in linseed and rapeseed. *EFSA Journal* 2018;16(11):5470.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/171 tat-30 ta' Jannar 2017 li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwi għall-amminopiraliid, għall-ażossistrobina, għaċ-ċjantraniliprol, għaċ-čiflufenamid, għaċ-ċiprokonażol, għad-dietofenkarb, għad-ditijokarbamati, għall-fluwazifop-P, għall-fluwopiram, għall-alossifop, għall-isofetamid, għall-metalaksil, għall-proeżadjon, għall-propakwiżafop, għall-pirimetanil, għat-Trichoderma atroviride tar-razza SC1 u għaż-žoksamid f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 30, 3.2.2017, p. 45).

⁽⁴⁾ European Food Safety Authority reasoned opinion on the setting of import tolerance for haloxyfop-P in soya beans. *EFSA Journal* 2016;14(7):4551.

- (7) Fl-2020, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1643 ⁽⁵⁾, l-approvazzjoni tas-sustanza attiva alossifop ma ġietx imġedda minħabba d-deċizzjoni tal-applikant għat-tiġdid, li ma jibqax jappoġġa dik l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni.
- (8) L-awtorizzazzjonijiet kollha għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-alossifop ġew revokati. Għalhekk, jixraq li l-MRLs eżistenti stabbiliti għal dik is-sustanza attiva fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jitħassru, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) tiegħu.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità biex tippovdi opinjoni motivata, fejn tivvaluta r-riskji li l-MRLs attwali bbażati fuq it-tolleranzi għall-importazzjoni u l-limiti massimi ta' residwi tal-Codex (CXLs) għall-alossifop jistgħu joħlqu għall-konsumaturi, meta titqies l-aktar *data* reċenti dwar il-konsum disponibbli u l-preżenza jew in-nuqqas ta' sottomissjoni tal-informazzjoni ta' konferma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-lakuni fid-*data* identifikati matul ir-rieżami tal-MRL f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ⁽⁶⁾.
- (10) L-Awtorità kkonkludiet li kemm l-MRLs eżistenti għall-alossifop fil-fażola tas-sojja, kif ukoll it-tolleranzi għall-importazzjoni proposti għal dik is-sustanza attiva fiż-żerriegħa tal-kittien u fiż-żerriegħa tal-kolza u s-CXLs eżistenti għall-basal u għaż-żerriegħa tal-ġirasol mhumix mistennija joħlqu riskju għall-konsumaturi. Madankollu, meta wieħed iqis l-aktar *data* reċenti dwar il-konsum u r-rekwiżiti tad-*data*, għall-fażola tas-sojja u ż-żerriegħa tal-ġirasol xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u għalhekk kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-manigġers tar-riskju ⁽⁷⁾.
- (11) Billi l-MRL għall-alossifop fil-fażola tas-sojja u s-CXL għaż-żerriegħa tal-ġirasol huma meqjusa sikuri għall-konsumaturi u l-informazzjoni nieqsa ġiet identifikata matul il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Awtorità fl-2022, jixraq li l-applikant jingħata żmien biex jissottometti d-*data* mitluba. Għalhekk, daww l-MRLs se jiġu rieżaminati filwaqt li titqies l-informazzjoni disponibbli fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, jixraq li fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu stabbiliti l-MRLs għall-basal, għall-fażola tas-sojja, għaż-żerriegħa tal-kittien, għaż-żerriegħa tal-kolza u għaż-żerriegħa tal-ġirasol, fil-livelli identifikati mill-Awtorità.
- (12) Barra minn hekk, l-Awtorità identifikat li l-LOD speċifiku għall-prodott ta' 0,01* mg/kg fir-rigward tal-ħalib huwa l-kontributur ewlieni għall-esponiment kroniku, u għalhekk jenħtieġ li l-LOD għal dan il-prodott jiġi stabbilit għal 0,002 mg/kg. Għall-prodotti l-oħra kollha, jixraq li l-MRLs rispettivi stabbiliti għall-alossifop fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jibbaxxew għal-LOD speċifiku għall-prodott f'konformità mal-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, flimkien mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament.
- (13) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-alossifop rigward il-ħtieġa li jiġu adattati ċerti LODs. Daww il-laboratorji pproponew LODs speċifiċi għall-prodott li jistgħu jinkisbu b'mod analitiku għall-prodotti kollha.
- (14) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u tqiesu l-kummenti tagħhom.
- (15) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (16) Biex ikun hemm lok għall-kummerċjalizzazzjoni, l-ipproċessar u l-konsum normali tal-prodotti, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs il-ġodda u li għalihom inżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1643 tal-5 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi calcium phosphide, denathonium benzoate, haloxyfop-P, imidacloprid, pencycuron u zeta-cypermethrin (ĠU L 370, 6.11.2020, p. 18).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2075 tat-18 ta' Novembru 2015 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-abamektin, għad-desmedifam, għaddiklorprop-P, għall-aloksifop-P, għall-orizalin u għall-fenmedifam f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 302, 19.11.2015, p. 15).

⁽⁷⁾ European Food Safety Authority reasoned opinion on the targeted review of maximum residues levels (MRLs) for haloxyfop-P. *EFSA Journal* 2022;20(11):7658.

- (17) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, biex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel id-19 ta' Awwissu 2024.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Ufficiali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-19 ta' Awwissu 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 il-kolonna għall-alossifop hija sostitwita b'dan li ġej:

"ANNESS II

Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

In-numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs ^(*)	Alossifop (is-somma tal-alossifop, l-esteri, l-imluħa u l-konjugati tiegħu espressa bħala alossifop (is-somma tal-isomeri R- u S- fi kwalunkwe proporzjon)) (R) (F)
0100000	FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR	0,01 (*)
0110000	Frott taċ-ċitru	
0110010	Grejpfrut	
0110020	Larinġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn	
0120000	Ġewż tas-siġar	
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	

0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż/ġellewż Ewropew	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn	
0130000	Pomu	
0130010	Tuffieħ	
0130020	Lanġas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn	
0140000	Frott tal-għadma	
0140010	Berquq	
0140020	Ġiras (ħelu)	
0140030	Ħawħ	
0140040	Għanbaqar	
0140990	Oħrajn	
0150000	Kukku u frott iżghir ieħor	
0151000	(a) għeneb	
0151010	Għeneb tal-mejda	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) frawli	
0153000	(c) frott tal-kannamiela	
0153010	Tut	

0153020	Ċawsli iswed [Dewberries]	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn	
0154000	(d) frott żgħir ieħor u berries	
0154010	Mirtill	
0154020	Cranberries	
0154030	Passolina (ħamra, sewda u bajda)	
0154040	Ribes (ħodor, ħomor u sofor)	
0154050	Warda skoċċiża	
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	
0154080	Frott tas-sebuqa	
0154990	Oħrajn	
0160000	Frott - diversi bi	
0161000	(a) qoxra li tittiekel	
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Larinġ tal-qsari	
0161050	Karambola	
0161060	Kaki	
0161070	Jambolan	
0161990	Oħrajn	
0162000	(b) qoxra li ma tittikilx, żgħar	
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frotta tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk/frotta tal-kaktus	
0162050	Tuffieħ stilla	

0162060	Kaki Amerikan/Kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn	
0163000	(c) qoxra li ma tittikilx, kbar	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durjan	
0163110	Il-frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn	
0200000	ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT	
0210000	Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi	0,01 (*)
0211000	(a) patata	
0212000	(b) ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi	
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn	
0213000	(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għerq tal-mustarda	

0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin tuberuż	
0213080	Ravanell	
0213090	Sassefrika	
0213100	Swedes	
0213110	Kromb	
0213990	Oħrajn	
0220000	Ħxejjex tal-basla	
0220010	Tewm	0,01 (*)
0220020	Basal	0,2
0220030	Xalotti	0,01 (*)
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	0,01 (*)
0220990	Oħrajn	0,01 (*)
0230000	Ħxejjex tal-frott	0,01 (*)
0231000	(a) solanacea	
0231010	Tadam	
0231020	Bżar ħelu (kapsikum)	
0231030	Brunġiel	
0231040	Okra	
0231990	Oħrajn	
0232000	(b) kukurbiti tal-qoxra kommestibbli	
0232010	Ħjar	
0232020	Gherkins (ħjar żgħir)	
0232030	Qargħabagħli	
0232990	Oħrajn	
0233000	(c) kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx	
0233010	Bettieħ	
0233020	Qargħa aħmar	

0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn	
0234000	(d) qamħirrum	
0239000	(e) ħxejjex tal-frott oħrajn	
0240000	Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)	0,01 (*)
0241000	(a) Brassika li twarrad	
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn	
0242000	(b) brassika bir-ras	
0242010	Brussels sprouts	
0242020	Kaboċċa bir-ras	
0242990	Oħrajn	
0243000	(c) brassika bil-weraq	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kale	
0243990	Oħrajn	
0244000	(d) ġdur	
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	
0251000	(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata	0,01 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	
0251020	Ħass	
0251030	Escaroles/Indivja tal-weraq wiesa'	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxuni tal-art	
0251060	Aruka	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom speċijiet ta' brassika)	
0251990	Oħrajn	

0252000	(b) spinaċi u weraq simili	0,01 (*)
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieq	
0252030	Weraq tal-pitravi	
0252990	Oħrajn	
0253000	(c) weraq tad-dwieli u u ta' speċijiet simili	0,01 (*)
0254000	(d) krexuni	0,01 (*)
0255000	(e) ċikwejra	0,01 (*)
0256000	(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	0,02 (*)
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Sagħtar	
0256080	Ħabaq u l-fjuri tiegħu li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stragun	
0256990	Oħrajn	
0260000	Legumi	0,01 (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed)	
0260020	Fażola (bla miżwed)	
0260030	Piżelli (bil-miżwed)	
0260040	Piżelli (bla miżwed)	
0260050	Għads	
0260990	Oħrajn	
0270000	Ħxejjex biz-zokk	0,01 (*)
0270010	Asparagu	

0270020	Kardun	
0270030	Krafes	
0270040	Bużbież ta' Firenze	
0270050	Qaqoċċ	
0270060	Kurrat	
0270070	Rabarbru	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	
0270090	Qlub tal-palm	
0270990	Oħrajn	
0280000	Faqqiegħ, ħażiż u likeni	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	Alka u organiżmi prokarjoti	0,01 (*)
0300000	ŻRIERAGħ IMNIXXFİN TAL-LEGUMI	0,01 (*)
0300010	Fażola	
0300020	Għads	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini	
0300990	Oħrajn	
0400000	ŻRIERAGħ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT	
0401000	Żrieragħ żejtnija	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,05
0401020	Karawett	0,01 (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,01 (*)
0401040	Ġulġlien	0,01 (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,3(+)
0401060	Żerriegħa tal-kolza	0,05
0401070	Fażola tas-sojja	0,5(+)

0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,01 (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,01 (*)
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra	0,01 (*)
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	0,01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,01 (*)
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	0,01 (*)
0401140	Qannebusa	0,01 (*)
0401150	Żerriegħa tar-riġnuwa	0,01 (*)
0401990	Oħrajn	0,01 (*)
0402000	Frott taż-żejt	0,01 (*)
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Il-qlub taż-żerriegħa tal-palm taż-żejt	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn	
0500000	ĊEREALI	0,01 (*)
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloż oħrajn	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajn	
0600000	TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALL, KAWKAW U ĦARRUB	0,05 (*)
0610000	Tejiet	
0620000	Żrieragħ tal-kafè	

0630000	Infusjonijiet erbali minn	
0631000	(a) fjuri	
0631010	Kamomilla	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn	
0632000	(b) weraq u ħxejjex aromatiċi	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn	
0633000	(c) għeruq	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn	
0639000	(d) kull parti oħra tal-pjanta	
0640000	Żerriegħa tal-Kawkaw	
0650000	Grupp Ħarrub	
0700000	HOPS	0,05 (*)
0800000	ĦWAWAR	
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Ħlewwa sewda/kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	

0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn	
0820000	Ħwawar tal-frott	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Ħlewwa Ġermaniża	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Bżar (iswed, aħdar u abjad)	
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja	
0820990	Oħrajn	
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn	
0840000	Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi	
0840010	Ghud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġinger	
0840030	Żagħfran tal-Indja	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda	
0840990	Oħrajn	0,05 (*)
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn	
0860000	Il-ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	

0860990	Oħrajn	
0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn	
0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR	0,01 (*)
0900010	Pitravi taz-zokkor	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn	
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART	
1010000	Tessuti minn	0,01 (*)
1011000	(a) ħnieżer	
1011010	Muskoli	
1011020	Tessut xaħmi	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn	
1012000	(b) bovini	
1012010	Muskoli	
1012020	Tessut xaħmi	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1012990	Oħrajn	
1013000	(c) ngħaġ	
1013010	Muskoli	
1013020	Tessut xaħmi	
1013030	Fwied	

1013040	Kliewi	
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1013990	Oħrajn	
1014000	(d) mogħoż	
1014010	Muskoli	
1014020	Tessut xaħmi	
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1014990	Oħrajn	
1015000	(e) ekwini	
1015010	Muskoli	
1015020	Tessut xaħmi	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1015990	Oħrajn	
1016000	(f) pollam	
1016010	Muskoli	
1016020	Tessut xaħmi	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn	
1017000	(g) animali terrestri oħrajn imrobbijin	
1017010	Muskoli	
1017020	Tessut xaħmi	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	

1017050	Ġewwieni li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1017990	Oħrajn	
1020000	Ħalib	0,002 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn	
1030000	Bajd tat-tjur	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wizz	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn	
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura	0,05 (*)
1050000	Amfibji u Rettili	0,01 (*)
1060000	Annimali terrestri invertebrati	0,01 (*)
1070000	Annimali vertebrati terrestri slavaġ	0,01 (*)
1100000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)	
1200000	PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)	
1300000	PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)	

(*) Jindika l-limitu l-aktar baxx ta' determinazzjoni analitika
(^e) Għal-lista sħiħa tal-prodotti ta' oriġini mill-pjanti u l-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, għandha ssir referenza għall-Anness I

Alossifop (is-somma tal-alossifop, l-esteri, l-imluħa u l-konjugati tiegħu espressa bħala alossifop (is-somma tal-isomeri R- u S- fi kwalunkwe proporzjon)) (R) (F)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin ta' pestiċida u numru tal-kodiċi: Alossifop — kodiċi 1000000 minbarra 1040000: Is-somma tal-alossifop, l-imluħa u l-konjugati tiegħu espressa bħala alossifop (is-somma tal-isomeri R- u S- fi kwalunkwe proporzjon)

(F) Jinħall fix-xaħam

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar l-idroliżi. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza, jekk din tintbagħat sad-19 ta' Frar 2026, jew, jekk dik l-informazzjoni ma tintbagħatx sa dik id-data, in-nuqqas tagħha.

0401050 Żerriegħa tal-ġirasol

0401070 Fażola tas-sojja”